Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 193/2020: OASIS TRAVEL AND TOURISM LIMITED (C75564) V. TACA INSAAT VS TICARET (OC 1225)

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Oasis Travel and Tourism Limited ("il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2020,

wara li rat in-nota t'ammissjoni ppreżentata minn Taca Insaat Vs Ticaret ("il-kumpanija intimata") fit-28 ta' April 2021[1],

wara li rat li fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2021 id-difensur legali tal-kumpanija kkonfermat illi l-ammissjoni in kwistjoni saret mingħajr ebda kundizzjoni,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mingħand dik intimata is-somma ta' ħamest elef sitt mija u tlettax-il euro u tletin ċenteżmu (€5,613.30) rappreżentanti bilanċ ta' prezz mhux imħallas għal servizzi reżi lilha, kif jirriżulta miż-żewġ fatturi annessi mar-rikors u mmarkati bħala Dok A u Dok B, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

2. Fit-28 ta' April 2021 il-kumpanija intimata ppreżentat nota li permezz tagħha ammettiet it-talba tal-kumpanija rikorrenti kif dedotta.

[1] Fol 11

3. Kif ġie ikkonfermat fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2021, din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talba tal-kumpanija rikorrenti tirriżulta ġustifikata u timmerita konferma.

**Deċiżjoni**

4. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti u:**

   1. **Tiddikjara li l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' ħamest elef sitt mija u tlettax-il euro u tletin ċenteżmu (€5,613.30) rappreżentanti bilanċ ta' prezz mhux imħallas għal servizzi reżi lilha,**

   2. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet kif mitluba.**

   **Spejjeż a karigu tal-kumpanija intimata.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur